MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 528/2005/1

**David Grech**

**vs**

**Roger Debono**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-25 t’Ottubru 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti, prevja n-nomina ta’ perit tekniku, bhala hlas:

a. Lura ta' parti mill-prezz imhallas mill-attur ghax-xiri ta' dghajsa Sea Dancer (Rinker Fiesta Vee 260 Cruiser) bin-numru tar-registrazzjoni SSR 93934 b'magna Mercruiser bin-numru F120557, u li wara l-bejgh irrizulta li fiz-zmien tal-bejgh kienu affetti minn diffetti latenti. Kieku l-attur kien jaf bihom kien joffri prezz inqas minn dak imhallas minnu; u

b. Ta' danni li sofra l-attur peress li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligazzjonijiet li assuma fil-kuntratt ta' bejgh u xiri datat 29 ta' April 2005 (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 4 t'Awissu 2005 u 25 t'Awissu 2005 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza qieghed jigi ddikjarat li l-ammont jeccedi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) izda mhux tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li ser jinghataw hawn taht, il-gudizzju mhuwiex integru stante illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenut <u>personalment</u> u l-attur. Infatti d-dghajsa in kwistjoni kienet proprjeta' ta' Margaret Debono, mart il-konvenut u kienet registrata f'isimha sa mill-21 ta' Novembru 2000 kif jidher mid-dokument konsistenti f'*"Closed Certificate of Registry"* hawn anness u mmarkat Dok A. Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur xtara d-dghajsa mertu tal-kawza bhala seconda man wara illi kien wrieha lill-mechanics tieghu u

ppruvaha anke barra l-portijiet. L-attur ha pussess tad-dghajsa mill-“Boatyard” fejn kienet minghand Tony Camilleri wara li l-istess attur approvaha bl-ghajnuna ta’ l-esperti tieghu.

Illi inoltre, l-attur halla d-depozitu ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) ghand Tony Camilleri, irtira d-dghajsa mill-“Boatyard” u ha l-istess dghajsa fil-pussess tieghu xahar qabel ma gie ffirmat il-ftehim. Sa fejn jista’ jinghad, l-attur ezegwixxa fid-dghajsa kullma kien necessarju sabiex ikun sodisfatt biha, infatti l-bejgh gie konkluz bejn l-attur u l-konvenut nomine u kien biss wara xhur li l-konvenut kellu l-ewwel indikazzjoni mill-attur li ma kienx kuntent bid-dghajsa li kienet seconda man.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qieghed jallega difett latenti fil-magna tal-lanca “Sea Dancer” li kien xtara minghand il-konvenut permezz ta’ kuntratt tad-29 t’ April 2005, Dokument A. Min nahha l-ohra l-konvenut qieghed ighid li l-lanca ma kien fiha l-ebda difett u di piu’ ma kellux jigi mharrek peress illi l-lanca kienet proprjeta’ ta’ martu Margaret Debono.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti l-ewwel sejra tiddisponi minn din l-eccezzjoni tal-konvenut rigward il-proprjeta’ tal-lanca u min kellu dritt jagixxi f’din il-kawza. Irrizulta illi huwa minnu illi l-lanca in kwistjoni “Sea Dancer” bin-numru tar-registrazzjoni SSR 93934 kienet originarjament registrata f’isem Margaret Debono

mart il-konvenut (Fol 20), pero’ fis-26 ta’ Jannar 2000 in atti Nutar Mariosa Grech, Margaret Debono irrilaxxat prokura f’idejn zewgha l-konvenut (fol 50). Fost il-kundizzjonijiet f’din il-prokura hemm il-paragrafu numru 5 li jawtorizza lill-konvenut *“to effect any transfer (sale, barter or exchange, long lease, dazio in solidum ect) of moveable and immovable property belonging to me...”* Ukoll fil-paragrafu numru 8 *“to stand in judgment, either as plaintiff or defendant in my name ....”* Fil-fatt kien a bazi ta’ din l-iskrittura li l-konvenut dahal f’negozjati diretti ma’ l-attur sabiex iwassal fil-konkluzzjoni taghha l-bejgh tal-lanca in kwistjoni. Ghalhekk bhala tali l-konvenut kien awtorizzat jigi mharrek sabiex iwiegeb ghat-talba ta’ l-attur f’kwistjoni li nqalghet bejniethom dwar difett latenti tal-lanca mibjugha. Dan il-Qorti qieghda tghidu minghajr pregudizzju ghall-artikolu 1324 tal-Kodici Civili Kap 16 *“li jiddisponi li atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin ikunu vestiti biss f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita’ dak il-kummerc, negozju jew professjoni....”*

Il-Qorti jidhrilha li f’dan il-kaz ta’ bejgh ta’ mobbli l-agir tal-konvenut jista’ jigi deskritt bhala att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni. Ma hemm xejn straordinarju li kien jaffetwa serjament il-kominjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u l-konvenut wahdu seta’ gie mharrek sabiex iwiegeb ghall-azzjonijiet tieghu in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju illi ghamel. Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f’April 2005 l-attur kien mar fil-*boatyard* ta’ Tony Camilleri f’Burmarrad u hemmhekk ra *cabin cruiser* li ghogbitu. Camilleri laqqghu mal-konvenut u saru diskussjonijiet

bejniethom dwar il-bejgh tal-lanca “Sea Dancer” bin-numru tar-registrazzjoni SSR 93934. Gie miftiehem il-prezz ta’ erbatax-il elf lira. Id-dghajsa ttiehdet il-bahar u hemmhekk saru xi *sea trials* fejn mill-port ta’ San Pawl il-Bahar ittiehdet xi mil jew tnejn il-barra u regghet lura. Ma gie riskontrat l-ebda difett, lanqas mill-*mechanic* Malcolm Deidun li kien fuq il-lanca. Ghalhekk sar il-bejgh, giet iffirmata l-iskrittura a fol 2 tal-process li ggib id-data 29 t’April 2005 u fl-ahhar fis-6 ta’ Mejju 2005 sar il-*bill of sale* formali fejn it-trasferiment sar minghand Margaret Debono mart il-konvenut ghal ghand l-attur (fol 60). Xi granet wara l-attur flimkien ma’ xi hbieb tieghu u t-tfal marru ghal mawra b’din il-lanca u kif hargu mill-port irrealizzaw li kien hemm xi haga hazina ghax id-dghajsa ma bdietx tiffunzjona sew. Dahlu lura, tqabbad mechanic, l-istess Malcolm Deidun illi pero’ ma kienx a sodisfazzjon ta’ l-attur sakemm fl-ahhar inkariga mechanic iehor Stephen Bajjada illi mall-ewwel qallu li l-magna kellha tinqala. Hekk sar, inqala’ s-*cylinder head* u giet riskontrata hsara serja f’xi *valves* u f’xi *pistons*. Ghalhekk gie deciz li jsir survey professjonali u tqabbad Anthony Dalli sabiex jaghmel dan l-ezercizzju. Dalli spezzjona l-magna fil-25 ta’ Lulju 2005 u seta’ jara fiha hsarat kbar. Fis-*survey report* tieghu (fol 42) Dalli jghid *“damage was not sustained recently, but certainly previous to the purchase of the boat.”* Din il-konkluzzjoni rrepetiha quddiem din il-Qorti meta qal fost affarijiet ohra (fol 37) “*il-hsara li kien fiha kien jidher illi kien ilu gej mhux hazin.”* Iddeskriva din il-hsara fil-*valves* u *pistons* mahruqa u dannegjati, kawza ta’ *timing* hazin jew inkella fuel hazin. Ighid ukoll *“is-sintomi .... kellhom ikunu prezenti anke qabel u li l-hsara ma setghetx tigi kamoffata.”*

Min nahha l-ohra l-konvenut ighid illi l-lanca kien juzaha regolarment hlief ghal xi stagun jew tnejn minhabba l-ezigenzi tax-xoghol tieghu. Peress li huwa jahdem ta’ chef fejn allura x-xoghol tieghu

ikun primarjament fis-sajf iddecieda li jbiegh din il-lanca. Wasal f'arrangament ma' l-attur u l-bejgh gie affettwat. Saru *sea trials* estensivi u kollox deher normali u ma giet riskontrata l-ebda hsara. Kien hu li nnegozja direttament ma' Dr Grech a bazi ta' prokura li kellu tal-mara. Jikkonferma li l-bejgh sar bil-prezz ta' erbatax-il elf lira li thallas fl-intier tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 1427 tal-Kodici Civili li jghid "*fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 1424 u 1426 (difetti latenti) ix-xerrej jista' jaghzel billi jgib il-quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-rat tal-prezz, inkella, billi jgib il-quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita' mill-Qorti."* L-attur ghazel l-azzjoni stimatorja u cioe' li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita' mill-Qorti wara li tkun ezaminat ix-xhieda u r-rapporti kollha li jigu quddiemha.

F'dan l-ezercizzju l-Qorti sejra tiehu l-parir ta' l-awtur Cuturi fil-ktieb tieghu "*Della vendita, della cassione e della permuta" – Napoli 1915 pg 3398.* L-awtur ighid illi l-ezercizzju li l-Magistrat ghandu jaghmel f'tali sitwazzjonijiet ghandu jaghmel dawn id-domandi: "*il vizio o difetto occulto rende, o no, la cosa inetta al uso qui fu destinata? Oppure diminuisce l'uso in modo che se il compratore non avesse avuto notizia, o non avrebbe comprato o avrebbe offerto un prezzo minore? Ecco le domande alle quali il procedimento deve dare una risposta, ecco i criteri che devono regolare tutte le prove per convincere il Magistrato."*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond tar-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-lanca li giet mibjugha lill-attur kellha

magna b'difett serju, liema difett kien prezenti qabel u fil-mument tal-bejgh. Biex jitranga dan id-difett kien  jehtieg spiza ta' madwar elfejn lira illi turi l-estensjoni u s-serjeta' tal-hsara li kellha l-magna. Il-Qorti lesta li toqghod fuq ir-rapport tekniku li esebixxa l-Ingineer Anthony Dalli fejn bir-ritratti tal-parti dannegjati ta deskrizzjoni cara tal-hsara u x'setghet ikkawzat l-istess hsara.  Spjega illi l-hsara setghet waslet f'dak l-istat fuq perjodu ta' zmien peress li b'timing difettuz magna xorta tista' tahdem ghad illi *in the long term* tigi kkawzata hsara. Mhuwiex minnu dak illi qal il-konvenut illi l-lanca kien juzaha regolarment peress illi rrizulta li dina kienet ilha fuq l-art fil-boatyard ta' Tony Camilleri ghal xi sitt snin u dan hu aktar probabbli peress illi x-xoghol tal-konvenut bhala chef ma kienx jippermettilu wisq hin sabiex igawdi din il-lanca fil-granet tas-Sajf, il-granet fejn l-aktar illi jkun mghobbi bix-xoghol. Dan il-perijodu ta' waqfien jaghmel aktar hsara lill-magna u filwaqt illi jista' jkun illi ghal xi ftit hin dina ma timmanifestax hsarat bhalma gara waqt is-*sea trials*, pero' fl-ahhar mill-ahhar tibda timmanifesta hsejjes strambi u jekk ma titwaqqafx tieqaf wahedha bi hsarat estensivi. Fortunatament il-magna lahqet twaqqfet fil-hin imma l-hsara lill-*valves* u lill-*pistons* saru xorta wahda kif jidher mir-ritratti tar-rapport ta' l-espert tekniku.

Il-Qorti hija konvinta illi fil-mument tal-bejgh il-magna tal-lanca kienet affetta minn difett serju illi seta' jfixkel serjament l-operazzjoni tal-lanca, aktar u aktar meta dina kienet munita b'magna wahda biss.

Ghalhekk b'risposta ta' l-ewwel domanda tal-Cuturi l-Qorti twiegeb illi d-difett li kien fiha l-magna kien tant serju li kien jirrendi *"la cosa inetta al uso cui fui destinata"* u bl-istess mod twiegeb it-tieni domanda li l-kompratur, li kieku kien jaf b'dan id-difett *"non avrebbe comprato o avrebbe offerto un prezzo minore".* Dan huwa konformi mal-gurisprudenza lokali bhal per ezempju fil-kawza

Charles Dimech vs Susan Margaret Earle noe deciza fl-10 ta' Dicembru 1993 fejn intqal li sabiex ikun hemm lok ghall-azzjoni estimatorja kontemplata fil-Kodici Civili jehtieg li d-difett mohbi jkun ta' certa gravita' relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur ta' l-oggett mixtri illi li kieku l-attur kien jaf bih, jew ma kienx jixtrieh jew inkella kien joffri prezz anqas.

Il-Qorti hija sodisfatta illi d-difett li kellha l-magna kien wiehed serju hafna u meta tiehu in konsiderazzjoni l-prezz tal-bejgh u cioe' erbatax-il elf lira, allura jehtieg li jkun hemm riduzzjoni ta' dan il-prezz sabiex jirrifletti ahjar il-prezz tal-lanca fil-mument tal-bejgh bid-difett li kellha. Il-konvenut ma jistax jipprevalixxi ruhu mill-fatt illi l-lanca qieghda tinbiegh *seconda man*. B'daqshekk ma jfissirx li d-drittijiet statutorji tax-xerrej ikunu pregudikati.

Fil-kawza George Portelli vs Vittoria Grima (Vol XLI pt i pg 341) il-Qorti qalet *"jekk il-bejgh kien ta' oggett mhux gdid, imma seconda man, fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wiehed ghandu jimxi fuq dak illi kien verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett jigi kwalifikat bhala "tajjeb" dik il-kelma fl-intediment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun "tajjeb" sa fejn jista' jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara."*

B'dawn il-kriterji l-Qorti jidhrilha li l-attur hallas prezz tajjeb ghal din il-lanca, b'liema prezz kellu dritt jassumi li kienet se tkun f'kundizzjoni tajba li tintuza ghall-iskopijiet normali taghha u cioe' illi bhala opra tal-bahar tintuza fil-bahar, fl-element taghha bil-magna illi tkun armata biha. Il-fatt illi

dan ma setghax ikun minhabba difett serju fil-magna, allura jpoggi lill-konvenut f'obbligazzjoni versu l-attur illi jirrifondi parti mill-prezz biex jaghmel tajjeb ghall-hsara illi kellha l-magna. Ghalhekk mehud in konsiderazzjoni il-hsara li kellha, l-valur tal-lanca, l-prezz imhallas, il-Qorti jidhrilha li ghandha tnaqqas l-ammont ta' elfejn u mitejn lira mill-prezz tax-xiri liema somma ta' elfejn u mitejn lira ghandha tithallas lura mill-konvenut lill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' €5,124.62 (Lm2,200) bhala parti mill-prezz imhallas mill-attur ghax-xiri ta' lanca *Sea Dancer* bin-numru tar-registrazzjoni SSR 93934 b'magna Mercruiser bin-numru F 120557 fejn wara l-bejgh irrizulta illi l-lanca kienet affetta minn diffetti latenti. Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Kontra din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravji li gejjin:-

1. Id-dghajsa venduta kienet registrata f'isem martu u l-azzjoni relattiva kellha allura ssir fil-konfront taghha u mhux tieghu;

2. *Qua* xerrej l-attur kien sodisfatt bis-*sea trials*, u sa dakinhar ma kienx hemm is-sintomi ta' dawk il-hsarat deskritti mill-espert *ex parte.* Ukoll, l-attur ghamel *service* u kambjamenti fid-dghajsa. Jissottometti ghalhekk f'dan il-kuntest illi l-azzjoni esperimentata ma tistax tirnexxi;

3. Ma ngiebetx prova ta' x'kien il-prezz gust tad-dghajsa u l-ewwel Qorti ma kellhiex allura tassumi li d-dghajsa inxtrat ghall-prezz tajjeb. F'kull kaz hu ma kellux ibati l-intier ta' l-ispiza anke ghaliex l-attur kien jaf li xtara dghajsa sekonda man u mhux gdida;

Fuq l-ewwel ilment il-Qorti ma ghandhiex wisq x'izzid mal-fehma espressa mill-ewwel Qorti fir-rigward. Tillimita ruhha biex tirrileva illi mir-rizultanzi istruttorju jirrizultalha illi l-kontrattazzjoni li minnha nholoq ir-rapport negozjali u guridku saret esklussivament bejn il-kontentendi. Agguntivament, li r-registrazzjoni tad-dghajsa, ghalkemm f'isem il-mara tal-konvenut, ma ggibx bilfors, in bazi ghaliha biss, l-eskluzjoni tal-konvenut *qua* proprjetarju u titolari taghha. Jinsab infatti kawtelat illi "l-intestatura ta' licenzja ma tistax tinnewtralizza l-prova li jkun hemm u ghandha tigi meqjusa biss mill-aspett ta' l-individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli ghall-hlas taghha u ghall-adempiment tal-ligijiet u tar-regolamenti tal-Pulizija". Ara "**Luigi Agius -vs- Maria Agius *et***", Appell Kummercjali, 17 ta' Frar, 1958. L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jigi rigettat;

Distintement, l-azzjoni proposta mill-attur hi dik estimatorja jew *quanti minoris*. L-iskop ta' azzjoni bhal din hu dak li jithares l-ekwilibirju ekonomiku bejn il-partijiet fl-ipotesi li x-xerrej ma jkunx jista', jew ma jkunx irid, jirrikorri ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Fil-qafas ta' dik il-garanzija ghal liema jirreferi l-Artikolu 1408, kombinat ma' l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili, il-prova principali rikjesta tirrigwarda d-difett pre-ezistenti ghall-bejgh, jew ukoll id-difett li jinsorgi wara dak il-bejgh purke derivanti minn kawza pre-ezistenti, u dik tal-gravita ta' l-istess difett ghab-bazi ta' dawk il-kriterji senjalati mill-gurisprudenza. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, tal-21 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet "**Ettore Lucia -vs- Tommaso Chevalier *nomine***". Jekk issir din il-prova, u l-oggett mibjugh jinstab li jkollu, materjalment, difett ta' dik ix-xorta, u li jkun mohbi, ix-xerrej jista' jiddisdici l-bejgh jew jitlob riduzzjoni fil-prezz. L-ghazla ta' l-azzjoni l-wahda jew l-ohra taqa' b'mod assolut fil-potesta esklussiva tieghu. Ara "**Benedetto Axisa -vs- Carmelo Galea**", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' Dicembru, 1957;

Premess dan, fil-kaz taht konsiderazzjoni jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti ghamlet l-accertamenti taghha, ikkonstatat il-gravita tal-vizzju materjali fid-dghajsa venduta in rapport ghall-istat taghha qabel il-bejgh, u ddeterminat illi l-azzjoni proposta kellha tirnexxi. Di regola, l-apprezzament hekk maghmul mill-ewwel Qorti fil-mertu jitqies insindakabbli minn Qorti tat-tieni istanza jekk jinsab sorrett minn ragonament adegwat u korrett tal-provi u tal-principju tad-dritt applikabbli. Il-Qorti jkollha, ghaldaqstant, tezamina jekk fil-kaz in ispecje, u in bazi ghad-denunzji ta' l-appellanti bit-tieni u t-tielet aggravji tieghu, dak ir-ragonament huwiex meritevoli, o meno, ta' sostenn;

Issa bit-tieni obbjezzjoni tieghu l-appellanti donnu qed jissuggerixxi illi, bil-kondotta tieghu, l-attur esprima l-volonta` li kien qed jaccetta d-dghajsa fl-istat u fil-kondizzjoni li kienet. Huwa jiddeduci dan minn dawn l-aspetti li jsegwu:-

i. L-attur kien sodisfatt mis-*sea trials* li saru;
ii. L-attur ghamel kambjamenti u alterazzjonijiet fiha;

Fuq dawn iz-zewg aspetti l-Qorti toffri l-kummenti taghha kif gej:-

1. Il-fatt li l-attur *qua* xerrej kien sodisfatt wara s-*sea trials* ma jeliminax il-fatt obbjettiv tal-mankanzi mohbija, ahjar iddettaljati fir-rapport tal-Marine Surveyor Anthony Dalli a fol. 40 tal-process;

2. Lanqas ma jfisser illi l-attur kellu l-konsapevolezza tad-difett li kien latenti jew li hu kien, ghal fatt ta' l-allegat sodisfaciment b'dawk is-*sea trials*, qed jirrinunzja ghat-tutela lilu akkordata mil-ligi bl-azzjoni esperita;

3. Sew mill-qari tal-precitat rapport tal-Marine Surveyor, kif ukoll mix-xhieda ta' dan a fol. 37, ix-xoghlijiet

li saru fuq il-magna tad-dghajsa ma jistghux jitqiesu inekwivokabilment indikattivi ta' xi volonta` fl-attur li jaccetta d-dghajsa, ukoll bil-vizzji mohbija. L-iskop ta' dawk ix-xoghlijiet ma kienx dak li jsiru alterazzjonijiet, fis-sens ta' kwalifikazzjonijiet jew trasformazzjoni fl-oggett mixtri, imma li jkunu maghrufa, bl-awzilju ta' mekkaniku, id-difetti biex l-istess ikunu jistghu jigu eliminati bil-mod issuggerit mill-Marine Surveyor, u, ghaliex le, biex jonqos l-aggravament tad-dannu bl-uzu tad-dghajsa skond id-destinazzjoni naturali taghha;

4. L-appellanti ma jistax ragonevolment jilmenta illi hu gie zvantaggat ghaliex sab ruhu rinfaccjat b'qaghda li ma setax jikkontrolla. Dan in mertu ghal kwestjoni tad-difetti accertati. Jekk wiehed joqghod ghax-xhieda ta' l-attur (fol. 29 *et sequitur*), u m'ghandux ghaliex ikun diversament, fil-kors tal-process tax-xoghlijiet predetti, l-appellanti kien informat bihom u mistieden jattendi izda, ciononostante, huwa ghazel li ma jinvolvix ruhu ghax, ghalih, "meta kienet ghandu d-dghajsa qatt ma kellha problemi" (deposizzjoni ta' l-attur a fol. 31);

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni aggravju ma jisthoqqlux li jigi akkolt;

Irid jinghad imbaghad illi l-appellanti lanqas ma jista' legittimament jappilja ruhu ma' l-osservazzjoni ripetuta tieghu illi d-dghajsa mibjugha kienet biss wahda "sekonda man". Ibda biex, ghalkemm logikament wiehed jistenna li f'oggett hekk vendut, anke jekk mhux bilfors dejjem, xi mankament fih facilment accertabbli, b'danakollu "dan ma jfisserx illi oggett 'sekonda man' ma jistax ikollu difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni *de qua* mhux applikabbli ghalih, jekk ma jkunx jirrzulta illi l-venditur zvesta ruhhu mill-obbligu tal-garanzija tal-haga mibjugha, sostrat dan krejat mill-presunzjoni stabbilita fl-Artikolu 1378, Kodici Civili", ("**Joseph Bonanno *et* -vs- Raymond Dimech**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 12 ta' Jannar, 2005);

Din il-Qorti kif presjeduta kellha okkazjoni tapprofondixxi din it-tema, u wkoll dik l-ohra ghal liema jirreferi t-tielet aggravju, fid-decizjoni taghha tat-28 ta' Marzu, 2007 in re: "**Victor Anastasi *et* -vs- Nicholas Parnis England *et***". Sintetikament fiha l-Qorti kienet irrilevat illi:-

i. Fuq l-istregwa tad-dottrina u tal-kazistika, lokali u estera, anke fil-kaz ta' bejgh "sekonda man" l-impenn tal-venditur fir-rigward tad-difetti okkulti jibqa' jissussisti;

ii. Ix-xerrej ghandu dritt jirrivendika bl-azzjoni *quanti minoris* il-jedd ghal konsegwiment ta' l-ispiza minnu sborzata ghar-rimozzjoni tad-difetti. Ara, ukoll f'dan il-kuntest is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru, 1970, per Imhallef Maurice Caruana Curran, fl-ismijiet "**Gerald Degiorgio -vs- Avv. Dottor Joseph Zammit Tabona *et***";

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha suespressi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti jibqa' inattakkat u c-censuri ta' l-apellanti, insostenibbli, fil-kapi kollha ta' l-aggravji sottoposti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------